**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LXI**
**Appell Nru: 233/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Martin Bayliss)**

**Vs**

**CARMELO TABONE**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Cramelo Tabone talli nhar it-Tnejn, 28 ta'Gunju, 1999, xi hin bejn il-11.00 a.m. u nofs-in-nhar, fi Pjazza Margerita, Bormla :

1. Minghajr il-hsieb li joqtol lill-Arthur Briffa mill-Isla w lill-Joseph Schembri minn Bormla, jew li jqeghdilhom hajjithom f'perikolu car, spara diversi tiri b'arma tan-nar fid-direzzjoni taghhom u billi wera dan il-hsieb b'atti esterni w fejn ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu ;
2. Fl-istess data, post, hin u cirkostanzi, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta'arma tan-nar jew imitazzjoni ta'arma regolari ;
3. Fl-istess data, post, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon izda mhux f'fond jew f'post li jaghmel mieghu ;
4. Fl-istess data, post, hin u cirkostanzi, gie fil-pussess ta'arma tan-nar jew munizzjon xort'ohra milli b'licenzja u naqas li jaghti minnufih avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija .

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma' Carmelo Tabone bhala recidiv b'sentenza definittiva moghtija f'guri fit-30 ta'Novembru, 1998, fejn kien instab hati ta'attentat ta'qtil u kien kkundannat sentejn habs sospizi ghal erba snin, kif ukoll gie mmultat is-somma ta'Lm500, barra milli jhallas l-ispejjes tal-Qorti.

Rat is-sentenza moghtija fid-19 ta'Ottubru, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Carmelo Tabone hati ta' dawn l-akkuzi kollha dedotti kontrih, u kkundannatu fuqhom ghal tmin (8) xhur prigunerija w Lm300 Multa, kif ukoll ordnat li s-sentenza sospiza tat-30 ta'Novembru, 1998 ghandha tibda ssehh.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo Tabone datat 30 t'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (**1**) tordna li s-sentenza sospiza tat-30 ta'Novembru, 1998, ma tigiex reza operattiva, kif ukoll (**2**) li tnaqqas il-perijodu ta' tmin (8) xhur prigunerija impost fuq ir-reati odjerni ghal wahda anqas oneruza fid-dawl u cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi skond it-talba ta' l-appellant fir-rikors tieghu, dan l-appell huwa limitat fuq il-piena biss, kemm ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti imponiet zmien ta' tmin (8) xhur prigunerija, kif ukoll f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li s-sentenza sospiza tat-30 ta'Novembru, 1998, tibda ssehh.

Dwar l-aggravju ta' l-appellant fejn qed jilmenta li l-piena ta' tmin(8) xhur prigunerija hija harxa w, fi kwalunkwe kaz, oltre dik stabbilita mil-ligi stante li l-offiza sofferta minn Arthur Briffa kienet ta' natura hafifa, il-Qorti qieset sewwa dak kollu li l-appellant talabha tikkunsidra f'dan ir-rigward. Pero' thoss li tali piena mposta mill-ewwel Qorti mhiex xi piena harxa jew sproporzjonata ghan-natura u gravita' tar-reati addebitati lilu u li hu nstab hati taghhom. Barra minn hekk hija piena li, kontrarjament ghal dak li qed jghid l-appellant, taqa' fil-parametri tal-ligi. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, si tratta ta'offiza ta'natura hafifa, gja' la darba giet kagunata b'arma regolari, bhal ma hi arma tan-nar, kif gara f'dan il-kaz, allura tapplika l-piena stabbilita fl-Artikolu 221 (2) tal-Kap. 9, cioe' prigunerija minn xahrejn sa sena.

Jigi rilevat, in oltre, li hu biss rarament li din il-Qorti tasal sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda l-piena mposta minnha. Certament dan in ezami mhux wiehed minn dawk il-kazijiet eccezzjonali. Ma hemm ebda raguni valida legalment ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tasal biex tvarja din il-piena. Hu f'dan is-sens ghalhekk li dan l-aggravju huwa respint.

L-aggravju l-iehor ta' l-appellant jikkonsisti filli hu qed jitlob li din il-Qorti tibdel l-ordni ta' l-ewwel Qorti li bis-sahha tieghu kienet ordnat li s-sentenza sospiza tat-30 ta'Novembru, 1998, tibda ssehh.

Ovvjament l-Avukat Generali qed jopponi ghal din it-talba w jissottometti li f'dan ir-rigward l-appellant ma ghandux dritt ta'appell minn din il-parti tas-sentenza u dan ai termini ta' l-Artikolu 28 I (2)(b) tal-Kodici Kriminali, kwotat minnu waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Id-disposizzjoni msemmija mill-Avukat Generali testwalment tghid hekk :

> " *Ebda haga f'dan l-Artikolu ma ghandha tolqot id-dritt ta'appell*

*ta' xi persuna kontra d-dikjarazzjoni ta' htija jew kontra s-sentenza kif provdut f'dan il-Kodici, izda ma jithalla jsir ebda appell fuq xi wahda minn dawn il-hwejjeg :*
*(a) it-tul tal-perijodu operattiv stabbilit bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 28A ;*
*(b) kull tibdil fil-perijodu operattiv maghmul bis-sahha tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 28 B ;*
*(c) ---- Omissis ---- "* (sottolinear tal-Qorti)

Hu ferm car mill-kliem ta' din id-disposizzjoni li l-Avukat Generali m'ghandux ragun jghid li ma hemmx dritt ta'appell minn ordni ta' l-ewwel Qorti li bih sentenza sospiza tkun giet reza operattiva. L-Avukat Generali qieghed jinterpreta r-restrizzjoni li ma hemmx dritt ta'appell meta jkun hemm ordni li tbiddel iz-zmien tal-perijodu operattiv stabbilit taht l-Artikolu 28 B (2) tal-Kap. 9 bhala li tapplika wkoll meta l-ewwel Qorti tkun ordnat li sentenza sospiza tigi fis-sehh. Dan mhux il-kaz. L-Artikolu tal-Ligi kwotat mill-Avukat Generali, u appena riportat, certament ma jghidx hekk u bla ebda mod ma jirreferi ghas-sitwazzjoni fejn Qorti tkun ordnat li sentenza sospiza tibda ssehh.

Meta Qorti tordna li sentenza sospiza tibda ssehh, dan l-ordni bl-ebda mod ma jfisser jew jikkostitwixxi xi tibdil fiz-zmien tal-perijodu operattiv. Tibdil fiz-zmien tal-perijodu operattiv jirrizulta f'dawk il-kazijiet, per ezempju, fejn il-Qorti, minflok tordna li sentenza sospiza tibda ssehh, ghall-ragunijiet li jirrizultawlha kif stipulati fil-ligi, tordna li z-zmien operattiv originali jigi estiz, u dan bis-sahha ta' l-Artikolu 28 B (2)(b) tal-Kap. 9. Hu biss f'dan il-kaz li ma hemmx dritt ta'appell kontra tali ordni tal-Qorti. Mentri l-ordni tal-Qorti sabiex sentenza sospiza tibda sehh ma tinghatax in bazi ta' dan l-Artikolu 28 B (2)(b), izda in bazi ta' l-Artikolu 28 B (1) tal-Kap. 9. Ghalhekk l-Avukat Generali m'ghandux ragun jghid li l-appell ta' Carmelo Tabone kontra din il-parti tas-sentenza appellata, fejn ordnat li sentenza sospiza tibda sehh, mhux sostenibbli in bazi ta' l-Artikolu 28 I (2)(b) tal-Kap. 9. Dan id-dispost m'ghandu x'jaqsam xejn hawnhekk ghaliex jirreferi biss ghall-tibdil ta' xi zmien tal-perijodu operattiv, kontra liema ordni ma hemmx dritt ta'appell.

Ghalhekk il-Qorti issa trid tara jekk l-appellant ghandux raguni valida legalment biex din il-parti tas-sentenza appellata tigi riformata.

L-Artikolu 28 B (2) (b) tal-Kap. 9 jghati l-fakolta' lill-Qorti li minflok ma tordna li sentenza sospiza tibda ssehh, tordna it-tibdil fl-ordni originali maghmulha bis-sahha ta' l-Artikolu 28 A, li bih tkun giet sospiza ghal xi zmien sentenza ta'prigunerija, dan billi minflok il-perijodu operattiv hemm specifikat, il-Qorti tghamel perijodu iehor li jkun jiskadi mhux aktar tard minn erba (4) snin mid-data ta' dak it-tibdil. Pero, l-istess Artikolu 28B (2) jistipula dak li hu mehtieg sabiex Qorti tasal biex tapplika dan li ntqal, cioe' li testendi iz-zmien originali tal-perijodu operattiv. Dan l-Artikolu 28 B (2) jghid li Qorti tista' tghamel din l-ordni ta'estensjoni jekk, apparti rekwiziti ohra, ikun jidrilha, minhabba fic-cirkostanzi kollha maghdudin il-fatti tar-reat l-iehor, cioe' ir-reat il-gdid, li ma tkunx haga gusta li tghamel ordni li biha tordna li sentenza sospiza tigi fis-sehh.

Fil-kaz prezenti, ghalhekk, il-Qorti trid tkun konvinta li mehuda in konsiderazzjoni flimkien ic-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz, ma tkunx haga gusta li s-sentenza sospiza ta'sentejn prigunerija mposta fuq l-appellant mill-Qorti fit-30 ta'Novembru, 1998, tigi fis-sehh.

Il-Qorti qieset sewwa dawk ic-cirkostanzi kollha li l-appellant qed jghid li jimmiltaw sabiex l-ordni ta' l-ewwel Qorti li gab fis-sehh s-sentenza sospiza tat-30 ta'Novembru, 1998, tigi mibdula b'ordni ohra fis-sens li il-perijodu operattiv originali msemmi f'dik is-sentenza jigi estiz. Jidher li din it-talba saret anke lill-ewwel Qorti, izda din ma gietx accettatha minnha u dan minhabba diversi ragunijiet li huma dettaljatament imsemmija fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti mhiex ser toqghod tirrepeti r-ragunijiet li gabet l-ewwel Qorti sabiex ma testendiex il-perijodu operattiv originali tas-sentenza sospiza, izda tghid biss li kienu kollha ragunijiet validissimi, specjalment tenut kont tal-passat kriminuz ta' l-appellant u tad-diversi opportunitajiet li nghatawlu minn dawn il-Qrati sabiex joqghod fit-triq it-tajba w jitbieghed mill-hajja kriminali, opportunitajiet li hu ma gharafx jahtaf biex jirriforma ruhu.

F'dawn ic-cirkostanzi, u minhabba l-istess ragunijiet imsemmija fis-sentenza appellata, din il-Qorti ma ssib ebda raguni legalment valida ghaliex l-appellant ghandu jibbenefika minn ordni ta'tibdil taz-zmien tal-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza tat-30 ta'Novembru, 1998, jew li dik is-sentenza sospiza ma tibdiex issehh. Ma ssib ebda ragunijiet specjali biex tghamel dak li l-appellant qed jitlobha jew li minhabba fihom tara li ma tkunx haga gusta li dik is-sentenza sospiza tibda ssehh. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-appell ta' Carmelo Tabone w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha w kull ordni moghtija mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur